MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 90/2007

Joseph Zerafa

VS

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Joseph Zerafa, li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Illi huwa twieled fl-10 ta' Jannar 1947 u ġie reġistrat fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku tar-Rabat, Għawdex fil-5 ta' Frar 1947 u ċ-ċertifikat tat-twelid relattiv ingħata n-numru 97 bħala n-numru ta' l-iskrizzjoni, Kopja taċ-ċertifikat qed tiġi esebita bħala Dok a.

2. Illi fil-post fejn jitniżżlu d-dettalji ta' omm it-tarbija ossia l-attur ġie mniżżel illi ommu għandha kunjomha ta' xebba "Attard".

3. Illi pero', kif jirriżulta mill-annessa dokumentazzjoni, dan huwa żball stante illi omm l-attur fil-fatt il-kunjom ta' xebba tagħha huwa "Camilleri".

4. Illi apparti d-dokumentazzjoni relattiva l-attur jikkonferma illi sa minn meta twieled huwa minn dejjem jaf illi kunjom ta' xebba ta' ommu huwa "Camilleri" u m'għandu ebda idea dwar kif u minn fejn tfaċċa l-kunjom "Attard".

5. Illi dan l-iżball fiċ-ċertifikat tat-twelid qed jippreġudika lill-attur u għandu kull interess u xewqa illi dan l-iżball jiġi rimedjat.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha :

1. Tiddikjara li fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur fil-kolonna fejn jidhru d-dettalji ta' ommu u preċiżament fit-tieni kolonna ta' l-istess ċertifikat tat-twelid l-isem huwa eronjament imniżżel bħala "Adeodata Attard wife of the above said Michael Zerafa" meta dan kellu jaqra "Adeodata Camilleri wife of the above said Michael Zerafa".

2. Tordna lill-konvenut jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur billi fit-tieni kolonna taċ-ċertifikat taħt l-intestatura "Isem u kunjom" l-isem u l-kunjom ta' l-omm jiġu jaqraw "Adeodata Camilleri wife of the above said Michael Zerafa".

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' bħala dokument A – ċertifikat tat-twelid ta' l-attur; bhala Dokument AB 6 – ċertifikat tat-twelid ta' Adeodata Zerafa; bħala Dokument AB 7 – ċertifikat taż-żwieġ ta' Adeodata Zerafa; bħala Dokument AB 8 – ċertifikat tal-magħmudija ta' l-attur; bħala Dokument AB 9 – ċertifikat tal-magħmudija ta'Adeodata Zerafa; u bħala Dokument AB 7(a) – ċertifikat taż-żwieġ ta' Joseph Zerafa u Carmen Saliba.

Rat ukoll ir-rikors ta' l-attur tal-4 ta' Settembru, 2007, li permezz tiegħu talab li jiġi awtorizżat li jipproċedi b'din il-kawża permezz ta' l-ghajnuna legali.

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2007, fejn laqgħet l-istess talba.

Rat in-nota ta' l-istess Joseph Zerafa tal-4 ta' Settembru, 2007, li permezz tagħhja esebixxa affidavit ta' Carmela Zerafa anness u mmarkat bhala dokument CZ.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, tat-23 ta' Ottubru, 2007, li permezz tagħha ma oġġezzjonax għat-talba.

Il-Qorti għalhekk, peress illi jidhrilha illi din it-talba hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba, u

1. Tiddikjara li fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur fil-kolonna fejn jidhru d-dettalji ta' ommu u preċiżament fit-tieni kolonna ta' l-istess ċertifikat tat-twelid l-isem huwa eronjament imniżżel bħala "Adeodata Attard wife of the above said Michael Zerafa" meta dan kellu jaqra "Adeodata Camilleri wife of the above said Michael Zerafa".

2. Tordna l-korrezzjoni meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur billi fit-tieni kolonna taċ-ċertifikat taħt l-intestatura "Isem u kunjom" l-isem u l-kunjom ta' l-omm jiġu jaqraw "Adeodata Camilleri wife of the above said Michael Zerafa".

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------